27 ta' April, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Antonio Dagri *versus* Emmanuele Dingli

**Kompetenza — Gudikat — "Non Bis in Idem" —**

**Arrest Personali.**

*Meta kreditu jinsab kanonizzat b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ li tkun għaddiet f'gudikat. mhix aktar sollevabili l-eċċezzjoni li l-kreditu hekk kanonizzat mhux kummerċjali; u dan*

*minħabba l-ostakolu tan-"non bis in idem".*

*Għaldaqstant, jekk il-kreditu jkun ġie kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li għaddiet ġudikat, u l-kreditur wara jagħmel kawża fejn jitlob l-arrest personali tad-debitur b'eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza, id-debitur f'dik il-kawża ma jistax aktar jeċċepixxi li l-kreditu mhux kummerċjali.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1951, il-konvenut ġie kundannat iħallas lilu s-somma ta' £940. 0. 7, bil-lukru kummerċjali u bl-ispejjeż; u li dawk l-ispejjeż jammontaw għas-somma ta' £54. 0. 6, u l-interessi kummerċjali, sal-jum *li fih ġie preżentat* l-att taċ-ċitazzjoni, għas-somma ta' £128. 1. 10, b'mod li d-debitu totali jiġi jilħaq is-somma ta' £1,122. 2. 11 kompl(essivament, salvi l-interessi ulterjuri; u li l-konvenut ħallas biss żewġ akkonti ammontanti għal £889. 2. 4; talab, prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni li l-imsemmi *kreditu tiegħu kontra* l-konvenut hu kummerċjali u li l-konvenut kien kummerċjant, illi l-istess konvenut jiġi kundannat għall-arrest personali in eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza kanonizzanti dak il-kreditu. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Diċembru 1952, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi kkunsidrat;

*Dwar l-ewwel eċċezzjoni,* illi l-kreditu mhux kummerċjali;

Illi l-kreditu li minħabba fih l-attur kien qiegħed jitlob l-arrest personali tal-konvenut, debitur tiegħu, ġie kanonizzat, kif sewwa jingħad fl-att taċ-ċitazzjoni, bis-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Marzu 1951, li għaddiet "in giudicato" (dok. A miġjub ma' l-att taċ-ċitazzjoni fol. 5), u għalhekk, kif ġie ritenut fis-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Ottubru 1951, fil-kawża "Sammut vs. Bonnici", dik l-eċċezzjoni mhix sollevabili minħabba l-ostakolu tan-"non bis in idem", u d-debitu għandu jiġi ritenut kummerċjali;

Illi l-eċċezzjoni l-oħra dwar l-ineżattezza tal-prospett komprovanti l-kreditu ta' l-attur ġiet ritirata; u illi ma hemmx

kontestazzjoni li l-konvenut hu, jew almenu kien, kummerċjant fiż-żmien tal-kuntrattazzjoni tad-debitu;

Rat fol. 14 in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u fol. 15 il-petizzjoni tiegħu għar-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Tnejn huma l-motivi ta' l-aggravju: wieħed, illi l-pont tax-xorta kummerċjali tal-kreditu ma hux assorbit fil-ġudikat tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu; u l-ieħor, illi ma ġiex pruvat li d-debitur hu kummerċjant;

Kwantu għall-ewwel motiv;

L-Ewwel Qorti rriteniet li l-eċċezzjoni li l-kreditu ma hux kummerċjali ma hix aktar sollevabili, għaliex assorbita bil-ġudikat li joħroġ mis-sentenza fol. 5, illi biha ġie kanonizzat il-kreditu. Dan huwa korrett, għaliex, kif osservat il-Qorti tal-Kummerċ stess, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Ottubru 1951, fil-kawża "Sammut vs. Bonnici", biex il-Qorti emettiet is-sentenza fil-meritu, bilfors ikkunsidrat ruħha kompetenti "ratione materiae"; għaliex diversament kienet tiddikjara ruħha inkompetenti "ex officio" skond il-liġi. U sabiex irriteniet ruħha kompetenti "ratione materiae", tabilfors irriteniet li l-att kien kummerċjali, almenu għall-konvenut (kummerċjant jew le); għaliex, kieku kkunsidrat li l-att kien mhux kummerċjali, iżda ċivili, avvolja kompjut minn kummerċjant, allura kienet tiddikjara ruħha inkompetenti "ratione materiae" "ex officio". Hu paċifiku li l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha, jew setgħet, ġiet sollevata in relazzjoni għall-azzjoni stess;

Kwantu għat-tieni motiv;

Fl-ewwel istanza l-konvenut ta żewġ eċċezzjonijiet: waħda, li l-kreditu ma hux kummerċjali, u l-oħra li l-prospett tal-kreditu ma hux eżatt. Xejn ma qal li ma hux kummerċjant. Imbagħad irtira t-tieni eċċezzjoni (fol. 11), u l-kawża baqgħet għas-sentenza. Mhux biss, imma fis-sentenza issa appellata hemm din id-dikjarazzjoni fil-konsiderandi: "Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenut hu, jew almenu kien kummer-

ċjant fiż-żmien tal-kuntrattazzjoni tad-debitu''. Issa din hija dikjarazzjoni formali tal-Qorti, li r-regolarità tagħha hija preżunta bil-prinċipju ''omnia praesumuntur rite esse acta''; u timporta illi fil-kważi-kuntratt ġudizzjali firmat bejn il-kontendenti quddiem l-Ewwel Qorti ma ġiex kontestat li l-konvenut kien kummerċjant, almenu meta sar id-debitu. Ma saret ebda prova li twaqqa' dik il-preżunzjoni;

Għal dawn il-*motivi;*

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.